MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2140/2002

**Dingli Co International Limited bhala Mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Kenneth Francica**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16), kwantu ghal Lm14.92 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Numru 011083 rilaxxjata mis-socjeta attrici favur tal-konvenut fir-rigward ta' l-istabbiliment Martsons Video Rentals Qormi, u Lm2.24 Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2002 sal-5 ta' Marzu 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dikjarazzjoni guramentata li saret mill-Prokuratur Legali Josette Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**